MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 761/2001/1

**Paolo Bonnici Limited**

**vs**

**(1) M.A. Supermarkets Limited u**
**(2) Mark Debono, solidalment**
**(3) Michael Debono, solidalment**
**(4) Alex Debono, solidalment**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjta' attrici ppremettiet:-

Illi hi kreditrici tal-konvenuti solidalment fis-somma ta' hdax-il elf, mija u seba' u hamsin lira maltin u wiehed u

disghin centezmu (Lm11157.91) prezz ta' merkanzija varja lilhom mibjugha u kkonsenjata;

Illi l-kreditu hu likwidu, cert u dovut u fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni x'jaghtu biex jikkontestaw it-talba ghall-hlas;

Illi l-konvenuti baqghu inadempjenti nonostante interpellazzjoni tas-16 ta' Frar 2001;

Ghalhekk is-socjeta attrici tablet li l-konvenuti jghidu ghaliex dina l-Qorti, in vista tal-premess, m'ghandhiex:

(1) tikkundanna lill-konvenuti solidalment ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma hawn fuq imsemmija ta' hdax-il elf, mija u sebgha u hamsin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm1157.91) prezz ta' merkanzija varja lilhom mibjugha u kkonsenjata kif fuq intqal, u dan bid-dispensa tas-smiegh in vista ta' l-affidavit Dok. A anness fit-termini ta' l-Artikou 167 et seq. tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap.12;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji ta' qbid u sekwestru pprezentati kontestwalment, bl-imghaxijiet legali dekoribbli mis-16 ta' Frar 2001. Il-konvenuti gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti Mark Debono, Michael Debono u Alex Debono fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-konvenuti personalment huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kuntrarjament ghal dak premess fic-citazzjoni, l-eccipjenti qatt ma xtraw merkanzija minghand is-socjeta' attrici f'isimhom propju u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-

osservanza tal-gudizzjui minhabba karenza ta' relazzjoni guridika;

2. Illi l-iskrittura datata 6 ta' Awissu 1998 iffirmata mill-konvenuti tikkonferma li l-merkanzija inxtrat mhux mill-konvenuti personalment izda mis-socjeta' konvenuta. Il-konvenuti iffirmaw bhala garanti mhux solidali u konsegwentement ma setghux jigu mharrka bhala kompraturi debituri principali solidali izda biss bhala garanti mhux solidali u ghalhekk ukoll ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess, permezz ta' l-iskrittura tas-6 ta' Awissu 1998 il-konvenuti personalment ma iggarantewx il-kreditu kontra s-socjeta' konvenuta b'mod solidali u konsegwentement ma setghu qatt jigu mharrka sabiex jigu kkundannati solidalment mas-socjeta' konvenuta;

4. Illi s-socjeta' attrici setghet biss tipprocedi kontra l-konvenuti personalment qua garanti mhux solidali wara li ssir l-eskussjoni tal-beni tas-socjeta' konvenuta ai termini ta' l-artikolu 1934 tal-Kodici Civili u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

5. Illi bla pregudizzju ghall-premess, stante li l-konvenuti personalment mhumiex garanti in solidum, il-konvenuti qua garanti mhux solidali jinvokaw id-dritt taghhom ghall-qsim tad-dejn ai termini ta' l-artikolu 1937 (2) tal-Kodici Civili;

6. Illi bla pregudizzju l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici ma hux kollu dovut;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Mark Debono, Michael Debono u Alex Debono debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Semghet lill-konvenut Michael Debono;

Rat in-nota tas-socjeta attrici tal-25 ta' Ottubru 2001 li biha t-talba giet ridotta ghas-somma ta ghaxart elef disa' mija u erbgha u sittin liri maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm10964.31);

Rat in-nota tas-socjeta konvenuta tal-11 ta' Marzu 2002 fejn fost affarijiet ohra gie dikjarat li s-socjeta konvenuta tirrimetti ruhha ghar-rizultanzi processwali li jikkonfermaw li t-talbiet attrici huma gustifikatri u jimmeritaw li jigu milqugha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza:

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici qed tagixxi kontra s-socjeta M.A. Supermarkets Limited u solidalment mal-istess socjeta konvenuta qed tagixxi kontra Mark Debono Michael Debono u Alex Debono personalment;

Is-socjeta' attrici tippretendi li hi kreditrici tal-konvenuti kollha solidalment bejnithom fis-somma (ridotta) ta' ghaxart elef disa' mija u erbgha u sittin liri maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm10964.31) bilanc ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess konvenuti. Ghalhekk is-socjeta konvenuta qed titolb li l-konvenuti solidalment jigu kundannati jhallsu l-imsemmija somma;

Il-konvenuti Mark Debono, Michael Debono u Alex Debono qed jeccepixxu li huma personalment qatt ma xtraw merkanzija minghand is-socjeta' attrici u kwindi ma hemm l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici. Inoltre l-istess konvenuti jghamlu referenza ghall-iskrittura tas-6 ta' Awissu 1998 li tikkonferma li l-merkanzija inxtrat mis-socjeta' konvenuta u mhux minnhom;

L-istess konvenuti Debono jammettu li ffirmaw l-imsemmi dokument bhala garanti pero' mhux solidali u ghalhekk huma semmai kellhom jigu mharkin, bhala garanti mhux solidali, wara li ssir l-eskussjoni tal-beni tas-socjeta' konvenuta. Inoltre peress li huma ma humiex garanti in solidum, semmai, d-dejn in kwestjoni ghandu jinqasam. Finalment eccipew li fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub mhux kollu dovut;

Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta konvenuta akkwistat diversi oggetti minnghand is-socjeta attrici u dana bl-iskop li l-istess oggetti jinbieghu lill-pubbliku in generali mis-"supermarket" gestit mill-istess socjeta konvenuta. Is-socjeta konvenuta naqset li thallas il-bilanc kif ridott u ghalhekk is-socjeta konvenuta hi debtrici tas-socjeta attrici fl-ammont mitlub (kif ridott). Difatti s-socjeta konvenuta permezz tal-imsemmija nota taghha tal-11 ta' Marzu 2002 iddikjarat li r-rizultanzi processwali jikkonfermaw li t-talbiet attrici huma gustifikati u ghalhekk l-istess talbiet jimmeritaw li jigu milqugha;

Kwantu ghall-eccezzzjonijiet tal-konvenuti huwa minnu li l-merkanzija inxtrat mis-socjeta konvenuta u mhux minnhom personalmet, pero' jirrizulta li, permezz tal-iskittura skrittura bid-data 6 ta' Awissu 1998 (kopja taghha esibita), t-tlett konvenuti personmalment assumew ir-responsabilita' li jhallsu ghall-istess oggetti li jinxtraw minghand is-socjeta attrici. Kif gia gie rilevat hawnhekk si tratta ta' negozju ta' natura kummercjali. F'dan it-tip ta' negozju jekk jirrizulta li ghar-rigward tal-istess transazzjoni l-kreditur ikollu zewg debituri jew aktar, dawn tal-ahhar ghandhom jitqiesu li huma debituri solidali;

Ghalhekk jirrizulta li hemm relazzjoni guridika bejn il-konvenuti Debono personalment u s-socjeta attrici. Fl-obbligazzjoni assunta mit-tlett konvenuti ma hemm xejn li jeskludi r-responsabilita' solidali tat-tlett konvenuti personalment fil-konfront tas-socjeta attrici. Jirrizulta ukoll li l-imsemmija skrittura giet iffirmata mit-tlett konvenuti Debono u li l-ammont in kwestjoni ma jeccedix il-limitu stabbilit fl-istess skrittura. Ghalhekk it-tlett konvenuti Debono ghandhom jigu ritenuti responsabbli ghal-hlas

tas-somma in kwestjoni solidalment bejnithom u mas-socjeta konvenuta;

Il-fatt li l-fatturi u l-kontijiet relattivi kienu jigu indirizzati lis-socjeta konvenuta hu fatt irrilevanti ghal-finijiiet tat-talbiet attrici. Ghandu ukoll jigi rilevat li jidher li s-socjeta konvenuta qed tigi likwidata. Ma jirrizultax li l-ammont (kif ridott) li qed jintalab hu esagerat;

In vista ta' dak kollu li gie premess l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti Debono personalment ghandhom jigu michuda. Mill-banda l-ohra t-talbiet kollha attrici jirrixzultaw li jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti Debono personalment u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti solidalment ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef disa' mija u erbgha u sittin liri maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm10964.31) ekwivalenti ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin elf hames mija u sitta u erbghin punt erbgha u tmenin euro (€25546.84) bilanc ta' prezz ta' merkanzija varja mibjugha u kkonsenjata, bl-imghaxijiet kollha legali dekoribbli mis-16 ta' Frar 2001;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------